MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 645/2015 LM

**Edgar Gatt (K.I. 574360M)**

***vs.***

**Medserv Operations Limited (Reg. no. C 2971)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-3 ta' Lulju, 2015 mill-attur **Edgar Gatt** (K.I. 574360M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

> *Illi fit-12 ta' Settembru, 2014, waqt li kien qiegħed jaħdem fiż-żona tal-Medserv ħdejn il-Freeport huwa sofra inċident industrijali li minnu huwa spiċċa b'numru ta' swaba' tas-saqajn tal-lemin tiegħu maqtugħa barra u ċioe l-qtugħ tas-saba' l-kbir u tat-tieni u t-tielet saba' kif ġie ċċertifikat (Dokument AD);*

*Illi dan id-dannu fuq il-persuna tiegħu tikkostitwixxi ferita perdurata seħħet tort tal-kumpannija intimata li ma pprovdietx il-miżuri tas-sigurtà neċessarji ai termini tal-liġi sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi dan l-inċident industrijali seħħ tort unikament tal-kumpannija intimata li minħabba traskuraġni, imperizja, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tagħha;*

*Illi meta l-esponenti interpella lill-intimati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Marzu, 2015 din ċaħdet kull responsabbilità;*

***Raġunijiet tar-Rikors u tat-Talbiet:***

*Illi minħabba f'dan l-inċident industrijali l-esponent sofra u għadu qed isofri dannu perdurat fuq il-persuna tiegħu u dan naqqaslu mis-saħħa tiegħu u ser itellfu mill-qligħ u gwadann futur tiegħu;*

*Illi kif ingħad l-imsemmija intimati għalkemm interpellati naqsu milli jersqu għal-likwidazzjoni ta' ħlas tad-dannu, u l-esponenti kellu jipproċedi b'dawn il-proċeduri.*

***Talbiet:***

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din il-Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà intimata u konvenuta hija unikament responsabbli tal-inċident industrijali li sofra l-attur rikorrenti fit-12 ta' Settembru, 2014 waqt li kien qiegħed jaħdem fiż-żona tal-Medserv ħdejn il-Freeport u dan minħabba imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti fuq il-post tax-xogħol;*

2. *Tillikwida occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi d-danni li l-attur rikorrenti sofra konsegwenza ta' dan l-inċident industrijali;*

3. *Tikkundanna lill-intimata konvenuta tħallas lill-attur rikorrenti dak l-ammont li jiġi likwidat.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu 2015, il-konvenuti intimati huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Medserv Operations Limited** (C 2971) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Lulju, 2015, u maħlufa minn Evelyn Selvagi (K.I. 406273M), li biha eċċepiet:

1. *Illi l-ewwel talba tar-rikorrent in kwantu diretta kontra s-soċjetà esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan stante illi l-istess esponenti mhijiex responsabbli għall-inċident de quo, liema inċident seħħ unikament bi ħtija tar-rikorrent stess meta naqas serjament milli josserva l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mis-superjuri tiegħu kif ukoll milli josserva proċeduri ta' prudenza fl-eżekuzzjoni ta' xogħlu fuq il-lant, kif del resto huwa obbligat li jagħmel hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

2. *Illi, di più, għall-kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat mir-rikorrent fir-rikors promutur, is-soċjetà esponenti dejjem aġixxiet b'diliġenza fejn, fost affarijiet oħra, dejjem aderixxiet ruħha mal-obbligi legali tagħha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta fejn saħħet sabiex tipprovdi lill-impjegati tagħha, fosthom lir-rikorrent, a safe place of work kif ukoll a safe system of work. Għaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrent jipprova li s-soċjetà esponenti wettqet xi nuqqas illi jagħmilha b'xi mod responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u l-grad ta' tali responsabbilità;*

3. *Illi t-tieni talba tar-rikorrent għandha għalhekk tiġi riġettata stante li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe każ u <u>mingħajr preġudizzju għall-premess,</u> l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kkontestat u għalhekk l-istess għandu jagħmel il-prova tad-danni skont il-liġi;*

4. *Illi t-tielet talba tar-rikorrent għandha wkoll tkun miċħuda u dan għaliex is-soċjetà esponenti m'għandhiex tiġi kostretta tħallas ebda danni lill-istess rikorrent;*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Il-kawża odjerna ġiet istitwita mill-attur wara inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tiegħu, fis-sit tal-Medserv Operations, fil-viċinanzi tal-Freeport, konsegwenza ta' liema inċident l-attur sofra amputazzjoni ta' tlett iswaba' minn siequ tal-lemin, filwaqt li baqa' jbati minn uġigħ u sintomi oħra konsegwenza tal-imsemmi inċident. L-attur jallega li dan l-inċident seħħ minħabba li s-soċjetà konvenuta m'adottatx miżuri ta' sigurtà adegwati fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll minħabba li kien hemm traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tagħha. Permezz tal-azzjoni tiegħu, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-imsemmi inċident industrijali, u talab ukoll il-l-ħlas tad-danni sofferti minnu.

Fir-risposta maħlufa tagħha s-soċjetà konvenuta eċċepiet li l-ewwel talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan minħabba li kien l-attur li naqas li josserva l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mis-superjuri tiegħu u naqas milli jkun

prudenti fl-eżekuzzjoni ta' xogħlu. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li hija mxiet b'diliġenza, u aderiet mal-obbligi legali tagħha fosthom dawk imposti fuqha bil-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, u pprovdiet kemm *a safe place of work* kif ukoll *a safe system of work.* Inoltre ġie eċċepit li huwa l-attur li għandu jipprova li kien hemm xi nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta biex seħħ dan l-inċident. In vista ta' din il-linja difensjonali li ħadet is-soċjetà konvenuta, intqal ukoll li m'hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attur, u li f'kull każ l-entità tad-danni hija kkontestata.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors maħluf tiegħu l-attur ippreżenta kopja tal-*case summary*[1] li ngħatalu mar-rilaxx tiegħu mill-Isptar Mater Dei fis-17 ta' Settembru, 2014, fejn jirriżulta li l-ġrieħi sofferti mill-attur kienu tali li ġew amputati tlett iswaba' minn saqajh il-leminija.

L-attur **Edgar Gatt** fl-*affidavit* tiegħu[2] qal li dakinhar tal-inċident, li seħħ fit-12 ta' Settembru, 2014, hu kien qiegħed jaħdem bħala *slinger,* fiż-żona tal-Medserv ħdejn il-Freeport, u flimkien ma' ċertu Antoine Schembri, kien qiegħed fil-proċess li jerfa' *rockbit* bil-pajp magħha minn *half container* jew basket. L-attur spjega li din ir-*rockbit* kienet marbuta mal-istess *container* min-naħa ta' ġewwa permezz ta' ċinga, u kien għalhekk li hu pproċeda biex iħoll iċ-ċinga sabiex ir-*rockbit* tkun tista' tintrefa' bl-użu ta' ċineg marbutin ma' *lifter.* Ix-xhud spjega li hu beda jorbot iċ-ċineg tal-*lifter* sabiex ir-*rockbit* tkun tista' tintrefa', u kien waqt dan il-proċess li l-istess *rockbit* iċċaqalqet u daret fil-

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 18 tal-proċess.

*container* stess, bil-konsegwenza li qabditlu siequ l-leminija. Qal li minkejja li dan kien xogħol li hu kien għamel drabi oħra, l-inċident seħħ minħabba li r-*rockbit* dakinhar ma kinitx miżmuma f'postha b'feles tal-injam, u kien għalhekk li din inqalbet fuq saqajh. L-attur qal li wara l-inċident hu ttieħed l-Isptar, fejn ġie infurmat mill-istaff mediku illi nvistah li kawża tal-inċident huwa kien tilef parti mis-subgħa l-kbir, kif ukoll it-tieni u t-tielet subgħa ta' siequ l-leminija, u ftit wara kien ġie operat. Wara l-operazzjoni kien għamel ħamest ijiem l-isptar u wara bagħtuh id-dar fejn għamel sitt xhur qabel seta' jidħol lura għax-xogħol. Fl-ewwel tliet xhur kien jimxi biss bil-krozzi u kien ibati spiss minn uġigħ. Ix-xhud qal li wara l-inċident, is-soċjetà konvenuta assenjatlu xogħol li jinvolvi anqas strapazz minn dak li kien jagħmel qabel, bħalma huwa xogħol ta' manutenzjoni ġenerali.

Ix-xhud **Raymond Abela** fl-*affidavit* tiegħu qal[3] li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, hu kien qiegħed jagħmel xogħol fuq *lifter* għoli fiż-żona tal-Medserv, meta ħin minnhom sema' l-għajjat. Qal li hekk kif mar biex jara x'ġara, sab li kollega tiegħu Edgar Gatt kellu inċident fuq il-post tax-xogħol wara li kienet iċċaqalqet *rockbit* u ġiet fuq siequ waqt li kien f'*half height container.* Ix-xhud qal li fix-xogħol tal-Medserv hija prattika komuni li l-ħaddiema jidħlu f'*half height containers* sabiex jagħmlu xi xogħol, u s-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha qatt ma għamlet xi regolamenti biex l-impjegati tagħha ma jagħmlux dan.

Ix-xhud **Antoine Schembri** *fl-affidavit* tiegħu spjega[4] kif fil-ħin li seħħ l-inċident, hu kien qiegħed xogħol fil-*lifter* fiż-żona tal-Medserv, flimkien ma'

[3] *A fol.* 19 tal-proċess.
[4] *A fol.* 20 tal-proċess.

numru ta' ħaddiema oħra li kienu se jerfgħu *rockbit* minn *half height container.* Ix-xhud qal li din ir-*rockbit* kienet marbuta mal-*container* min-naħa ta' ġewwa permezz ta' ċinga (*ratchet*), iżda din ma kellhiex feles tal-injam sabiex ma tkunx tista' timxi. Qal li l-attur daħal fil-*half height container* sabiex ikun jista' jarma ċ-ċineg tal-*lifter* sabiex tittella' r-*rockbit,* u fl-istess ħin sema' lill-*foreman,* ċertu Antoine Hili, jgħid lill-attur sabiex jaqta' ċ-ċinga li kienet qiegħda żżomm ir-*rockbit* minħabba li din kienet iebsa. Ix-xhud spjega kif waqt li hu kien qiegħed ipoġġi ċ-ċineg mar-*rockbit,* din iċċaqalqet u daret, bil-konsegwenza li ġiet fuq sieq Edgar Gatt.

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2015, il-Qorti ħatret lil **Mr Massimo Abela**, bħala espert mediku ġudizzjarju sabiex wara li jeżamina lill-attur jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad. Mr Massimo Abela ppreżenta r-rapport tiegħu fit-3 ta' Diċembru, 2015[5], fejn ikkonstata li l-attur huwa raġel ta' 55 sena, impjegat ma' Medserv Operations Limited bħala *labourer.* L-espert mediku Massimo Abela kkonstata ukoll li l-inċident mertu tal-kawża seħħ hekk kif l-attur kien qiegħed iħott xi katusi tal-ħadid li jiżnu madwar tunnellata u nofs, meta f'daqqa waħda, katusa minnhom irrumblat u qabditlu l-pala ta' siequ tal-lemin. L-espert mediku ġudizzjarju kkonstata wkoll li waqt il-ħin tal-inċident, l-attur kien liebes *safety shoes.* Meta l-attur ittieħed l-isptar wara l-inċident, irriżulta li dan kellu feriti laċero-kontużi *(crush injury)* tas-subgħa l-kbir, tat-tieni u tat-tielet subgħa tal-pala tas-sieq tal-lemin u għalhekk kienet saritlu operazzjoni fuq il-pala tas-sieq tal-lemin – *debridment and suturing of wound Hallux and terminalisation of the 2nd and 3rd toes.* L-espert ġudizzjarju kkonstata li l-attur kien dam erba'

[5] *A fol.* 31 *et seq.* tal-proċess.

xhur jimxi bil-krozzi, u meta rritorna lura fuq il-post tax-xogħol f'Marzu tal-2015, kien tpoġġa fuq *light duties.* L-espert mediku Mr Massimo Abela kkonstata li l-attur għadu jilmenta minn uġigħ fis-subgħa l-kbir, u fit-tieni u t-tielet swaba' tas-sieq tal-lemin meta jimxi jew joqgħod bilwieqfa għal tul ta' ħin, speċjalment meta jkun liebes is-*safety shoes,* filwaqt li l-pala ta' siequ u s-swaba' baqgħu mtarrxin. L-espert mediku ġudizzjarju stabbilixxa li konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur ġarrab ksur miftuħ tas-subgħa l-kbir, u tat-tieni u t-tielet swaba' tas-sieq tal-lemin, filwaqt li t-tieni u t-tielet swaba' kellhom bżonn amputazzjoni fit-tarf tagħhom. L-espert mediku Mr Massimo Abela kkonkluda li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur huwa ta' tlieta fil-mija (3%).

Permezz ta' nota tas-17 ta' Frar, 2016, l-attur ippreżenta għadd ta' FS3 forms għas-snin 2010 sa 2014[6], bħala prova tad-dħul tiegħu għal dawk is-snin.

Mart l-attur, **Olga Nikolaevna Gatt** fl-*affidavit* tagħha qalet[7], li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, ir-raġel tagħha sofra debilità f'siequ tal-lemin, tant li wħud mis-swaba' tiegħu kellhom jiġu amputati. Ix-xhud qalet li wara li r-raġel tagħha ġie rilaxxjat mill-isptar, hu ma setax jimxi għal perijodu ta' tliet xhur, u f'dawk ix-xhur il-mobilità tiegħu kienet ristretta ħafna anki fid-dar li hija mqassma fuq tliet sulari, tant hu hekk li l-attur kellu bżonn għajnuna kontinwa anki biex jagħmel l-affarijiet bażiċi ta' kuljum. Ix-xhud ikkonfermat li l-attur kellu bżonn jattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija sabiex ikun jista' jerġa' jibda jimxi mingħajr għajnuna. Ix-xhud ikkonfermat li r-raġel tagħha għadu jesperjenza diversi episodji ta' wġigħ f'siequ tal-lemin.

[6] *A fol.* 37 sa 48 tal-proċess.
[7] *A fol.* 49 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2016 xehed **Sean Meli**[8], in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali, li ppreżenta dokumentazzjoni marbuta mar-rapport ta' korriment u l-applikazzjoni għall-benefiċċji li kien intitolat għalihom l-attur.[9] Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-attur deher quddiem il-bord mediku maħtur mid-Dipartiment u kompost minn għadd ta' tobba, li kienu stabbilew li għal xi xhur wara l-inċident l-attur ma setax jirritorna lura għax-xogħol.

Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2016 saret l-eskussjoni ta' **Mr Massimo Abela**[10], li qal li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, l-attur qiegħed isofri minn sitwazzjoni fejn ma jistax iċaqlaq is-swaba' ta' saqajh. Lix-xhud sarlu riferiment għal-linji gwida Ewropej[11] u ntalab jispjega kif dawn il-linji gwida jikkomparaw mal-grad ta' debilità permanenti stabbilit minnu fir-rapport tiegħu. Ix-xhud qal li minkejja li hu għamel użu minn linji gwida ppubblikati fl-Istati Uniti, madanakollu hu għamel riferiment wkoll għal-linji gwida Ewropej sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu. Waqt l-eskussjoni li saritlu, ix-xhud għal darb'oħra kkonferma r-rata ta' debilità permanenti stabbilita minnu fir-rapport tiegħu, ta' 3%.

Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2016 xehed **David Saliba,** uffiċjal fl-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol[12], li qal li l-Awtorità ma ġietx infurmata bl-inċident li seħħ il-Medserv, u għalhekk ma saret l-ebda investigazzjoni minnha fir-rigward. Ix-xhud qal li minkejja li hemm diversi metodi kif rapport jista' jasal għand l-Awtorità, fosthom billi jinfurmawha l-Pulizija, jew l-awtoritajiet tal-isptar meta persuna tiddaħħal l-isptar għall-kura,

[8] *A fol.* 52 tal-proċess.
[9] *A fol.* 55 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 81 tal-proċess.
[11] Kopja tagħhom *esebita a fol.* 83 et seq. tal-proċess.
[12] *A fol.* 85 tal-proċess.

jew mill-persuna involuta stess jew saħansitra mill-*employer* tagħha, f'dan il-każ ma saru ebda rapporti dwar l-inċident inkwistjoni.

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat l-*affidavit* ta' **Jesmond Calleja**[13], impjegat magħha bħala *heavy plant driver,* li qal li s-soċjetà konvenuta tieħu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha b'serjetà, u apparti li tieħu ħsieb tipprovdi lill-impjegati tagħha bl-ilbies protettiv kollu meħtieġ, tinforza fuq il-ħaddiema tagħha diversi metodi dwar kif għandhom jeżegwixxu x-xogħol sabiex kemm jista' jkun dawn jaħdmu f'ambjent sigur. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta timpjega ħames uffiċjali sabiex jieħdu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà fuq il-lantijiet tax-xogħol tal-kumpannija, għalkemm fiż-żmien meta seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur, kien hemm żewġ uffiċjali biss. Ix-xhud spjega li dawn l-uffiċjali jkunu preżenti fuq il-lant tax-xogħol il-ħin kollu, u f'każijiet fejn jiġi nnutat li x-xogħol mhux isir skont il-metodu stabbilit, jew l-impjegat ma jkunx liebes l-ilbies protettiv ipprovdut, dan jitwaqqaf mill-ewwel, u jekk jirrifjuta li josserva r-regoli stabbiliti, jittieħdu passi dixxiplinarji kontrih. Ix-xhud żied jgħid li s-soċjetà konvenuta tagħti ħafna importanza lit-taħriġ tal-impjegati tagħha, b'parti mit-taħriġ ikopri aspetti tas-saħħa u s-sigurtà skont ix-xogħol li jkun assenjat lill-impjegat, u qal li mhux l-ewwel darba li wħud mill-uffiċjali inkarigati mis-saħħa u s-sigurtà jwaqqfu lill-ħaddiema minn xogħolhom u jfakkruhom dwar il-metodi ta' sigurtà li għandhom jiġu adottati minnhom sabiex jiġu evitati inċidenti.

Ix-xhud qal li ta' kull filgħodu, qabel jibda x-xogħol, issir laqgħa msejħa *tool box talk* fejn jiġi diskuss ix-xogħol li jkun ser isir f'dik il-ġurnata, fejn il-*foreman*

[13] *A fol.* 90 tal-proċess.

jew iċ-*charge hand* jispjega l-mod kif għandu jsir ix-xogħol. Qal li s-suġġett li jkun diskuss waqt it-*tool box talk* ivarja skont ix-xogħol li jkun meħtieġ li jsir f'dik il-ġurnata, u din id-diskussjoni ssir sabiex jiġu evitati l-inċidenti allavolja l-ħaddiema jkunu jafu x'għandhom jagħmlu. Ix-xhud qal li darba f'sena, is-soċjetà konvenuta tagħmel *risk assessments* fejn il-*foreman,* u l-*manager* tal-impjegati flimkien ma' uffiċjali mid-dipartiment tal-HR jiltaqgħu mal-ħaddiema b'mod individwali u jisimgħu s-suġġerimenti tal-ħaddiema dwar il-metodi ta' xogħol li jistgħu jiġu żviluppati, u f'dawn il-laqgħat jitqajmu wkoll kwistjonijiet dwar jekk ħaddiem ikunx naqas milli josserva l-obbligi tiegħu fir-rigward tas-saħħa u sigurtà fuq il-lant tax-xogħol. Ix-xhud qal li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *skilled labourer.* Ix-xhud iddeskriva x-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-attur dakinhar li seħħ l-inċident:

> "Fid-data illi seħħ dan l-inċident u ċioe fit-12 ta' Settembru, 2014, naf li l-istess Edgar Gatt flimkien ma' Antoine Hili (li kien il-*foreman),* u Antoine Schembri kienu ser joħorġu xi pajpijiet minn ġo basket. Dan il-basket, li huwa tal-ħadid, huwa għoli madwar tliet (3) piedi minn mal-art u twil xi għoxrin (20) pied. Fih sa fejn naf jien kien hemm xi pajpijiet li kellhom joħorġuhom permezz tal-*lifter.* Dawn jibbregawhom permezz ta' *webbing slings* (ċineg) li jiddaħħlu fil-frieket tal-*lifter* u sussegwentement jgħolluhom. Normalment dawn il-pajpijiet ikunu marbutin permezz ta' *ratchet straps* li jżommu d-*dunnage* milli tiċċaqlaq."

Ix-xhud qal li fil-mumenti qabel seħħ l-inċident, hu inzerta għaddej mill-inħawi, u wieħed minn sħabu talbu jnewwillu *moose* u dak il-ħin hu assuma li dan kien minħabba li r-*ratchet* kienet weħlet u ma setgħetx tinħall. Ix-xhud qal li wara xi ħin kien ra lill-attur bilqiegħda mal-art bin-nies imdawrin miegħu, u kien dak il-ħin li induna li kien seħħ inċident.

Waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2017 sar il-kontroeżami tax-xhud **Raymond Abela**[14], li qal li fil-ħin meta seħħ l-inċident, hu kien qiegħed bil-*lifter* u minħabba li kien fil-għoli u ra kommozzjoni, hu induna li kien ġara xi ħaġa u niżel jiġri sabiex jara x'kien ġara. Qal li dak il-ħin kien hemm basket bil-pajpijiet ġo fih, u kien qiegħed isir xogħol f'dan il-basket. Fost il-ħaddiema li kien hemm jaħdmu fil-basket dak il-ħin, kien hemm l-attur. Ix-xhud qal li hu ma rax l-inċident iseħħ quddiem għajnejh, u minkejja li fl-*affidavit* tiegħu qal li r-*rockbit* kienet iċċaqalqet u ġiet fuq saqajn l-attur, fil-verità hu ma kienx ra dan l-inċident iseħħ. Ix-xhud spjega li l-basket inkwistjoni hu mingħajr bieb, u l-impjegati qatt ma ngħataw struzzjonijiet biex ma jidħlux f'dan il-basket, u dan minkejja li s-soċjetà konvenuta għandha basktijiet oħra li għandhom bieb li jista' jinfetaħ jekk persuna trid tidħol fih. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta qatt ma tat struzzjonijiet lill-ħaddiema tagħha biex ma jidħlux fil-basket, u qal ukoll li wieħed irid ikun fil-basket biex jirnexxilu jħoll il-pajp minn ġo fih. Spjega li r-*rockbit* hu oħxon fin-nofs tiegħu, filwaqt li t-truf tiegħu huma dojoq, u għalhekk meta wieħed jaħdem fuqu jibda billi jħoll naħa u wara jħoll in-naħa l-oħra. Ix-xhud qal li jkun hemm ċirkostanzi fejn sabiex jinħall ir-*rockbit* wieħed irid jidħol fil-basket peress li ma jkunx jista' jinħall minn barra. Qal li l-biċċa l-kbira tad-drabi hu jidħol jagħmel ix-xogħol meħtieġ minn ġewwa. Ix-xhud qal ukoll li t-*toolbox talks* qabel tibda l-ġurnata tax-xogħol bdew isiru wara li seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur. Ix-xhud qal li wara li seħħ dan l-inċident, is-soċjetà konvenuta żiedet l-enfasi fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà konvenuta kienet tipprovdi lill-ħaddiema tagħha b'ilbies protettiv, u l-ħaddiema kollha kienu jingħataw taħriġ skont il-mestier li kienu jitqabbdu jagħmlu. Ix-xhud qal li dawn il-korsijiet

[14] *A fol.* 95 tal-proċess.

kienu jingħataw darba fil-ġimgħa. Hu kkonferma wkoll li waqt ix-xogħol li kien isir mill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta, dawn kienu jaħdmu f'tim, u fosthom kien ikun hemm xi ħadd responsabbli mill-impjegati.

Waqt l-udjenza tal-20 ta' April, 2017 sar il-kontroeżami tax-xhud **Antoine Schembri**[15], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien qiegħed jaħdem flimkien mal-attur, ma' Antoine Hili li kien il-*foreman,* u ma' ċertu Raymond. Ix-xhud spjega li dakinhar hu kien fuq il-*lifter*, minħabba li kien wasal apparat minn barra minn Malta li kien miżmum ġo basket jew *half height container*, u x-xogħol li kellu jsir kien li dan jitneħħa mill-*container* u jitpoġġa fil-lanċa. Ix-xhud qal li l-*lifter* li kien fih hu kien f'distanza ta' madwar żewġ piedi bogħod mill-*container*. Qal li dakinhar ma kinitx saret *tool box talk* minkejja li din kienet parti mill-proċedura tax-xogħol, u kien hemm diversi drabi fejn din ma kinitx issir minħabba l-urġenza tax-xogħol. Ix-xhud, li qal li m'għadux jaħdem il-Medserv, spjega li minkejja li s-soċjetà konvenuta kellha impjegati magħha żewġ persuni li xogħolhom kien li kontinwament iduru sabiex jaraw li r-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fil-Medserv qegħdin jitħarsu, dawn mhux dejjem kienu jkunu fuq il-lantijiet tax-xogħol.

Lix-xhud sarlu riferiment għar-*rockbit* li jidher fir-ritratt *a fol.* 134 tal-proċess, u spjega li taħt ir-*rockbit* hemm diversi *spacers* biex ir-*rockbit* ma jmissx mal-ħadid biex ikun jista' jiġi imbragat. Ix-xhud qal li dawn l-i*spacers* jitpoġġew sabiex ma ssirx ħsara fuq il-ħadid, u spjega li *spacer* hu serratizz kwadru tal-pulzier biex ir-*rockbit* jinqata' mill-qiegħ tal-basket, filwaqt li feles ikun ġej forma ta' rampa biex ir-*rockbit* ma jiċċaqlaqx. Ix-xhud qal li f'dan il-każ ir-*rockbit* kellu *spacer* li jkun għat-tul kollu tal-oġġett, iżda ma kienx hemm feles.

[15] *A fol.* 114 tal-proċess.

Ix-xhud qal li hu jista' jikkonferma li ma kienx hemm feles taħt ir-*rockbit* minħabba li xħin niżel minn ġol-*lifter* ra kif kienu l-affarijiet. Spjega li hekk kif l-attur ittieħed l-isptar bl-ambulanza, ix-xogħol kellu jitkompla xorta waħda, u għalhekk reġa' tela' fuq il-*lifter* sabiex itella' r-*rockbit* u kien dak il-ħin li induna li l-feles ma kienx qiegħed fil-basket. Ix-xhud spjega li l-ispazju fil-basket hu limitat, u mhux possibbli li persuna ddaħħal rasha fih biex tiċċekkja hemmx feles qabel jibda x-xogħol. Madanakollu x-xhud qal li jekk wieħed ma jidħolx fil-basket, ma jkunx possibbli li wieħed jimbraga u jħoll il-pajp, u għalhekk bilfors li wieħed irid jidħol fil-basket biex ikollu aċċess u jkun jista' jsir ix-xogħol. Ix-xhud spjega li dakinhar tal-inċident hu sema' lil Antoine Hili jħeġġeġ lill-attur jidħol fil-basket għax inkella ma kinux se joħorġu r-*rockbit* minn ġo fih. Ix-xhud ikkonferma li l-attur qata' r-*ratchet* minħabba li din ma setgħetx tinħall, u minkejja li l-piż kien fuq *sling* biex din ma tiċċaqlaqx, hekk kif l-attur qata' ċ-ċineg kien hemm moviment li bih hu weġġa' saqajh. Ix-xhud ġie mitlub jikkonferma jekk l-attur kienx jintlaqat li kieku ma kienx qiegħed ġol-*container* u dan wieġeb li kieku l-attur ma daħalx fil-basket, ir-*rock bit* hemm kienet tibqa' u x-xogħol ma kienx ikun jista' jsir.

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll l-*affidavit* ta' **Antoine Hili**[16], li qal li hu jaħdem bħala *yard leader* mas-soċjetà Medserv Operations Limited. Ix-xhud spjega li s-soċjetà konvenuta tagħmel xogħol marbut mal-provvista ta' apparat tar-riggijiet taż-żejt. Qal li meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetà konvenuta kienet irċeviet 'basket' li hu speċi ta' *container* ta' bejn għoxrin u tletin pied, bl-għoli tiegħu maqsum min-nofs, u b'wisa' ta' metru. Qal li f'dan il-basket jinżammu diversi għodod illi jintużaw fuq ir-riggijiet, sabiex dawn ma jintbagħtux sfużi minħabba r-riskju kemm li jintilfu, kif ukoll

[16] *A fol.* 136 tal-proċess.

minħabba fl-element ta' periklu jekk dawn jiġu ttrasportati waħedhom. Żied jgħid li dan il-basket partikolari kellu *stabiliser* li kien jiżen madwar tliet tunnellati u nofs. Ix-xhud qal li l-basket jitwassal Malta permezz ta' *supply vessels,* u hekk kif jasal fil-port jinħatt permezz ta' *mobile crane* tas-soċjetà konvenuta, u wara jitqiegħed fuq *trailer* u jittieħed fil-bażi tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li hekk kif il-basket wasal fuq il-lant tax-xogħol, il-ħaddiema ntalbu jħottu l-kontenut tal-basket, u minħabba li l-basket ma kellux bibien, ix-xogħol kellu jsir minn barra u mhux billi wieħed jidħol fil-basket. Qal li hu flimkien ma' Antoine Schembri u Edgar Gatt, marru sabiex jibdew il-proċedura tal-*unstuffing,* fejn Antoine Schembri qagħad ħdejn il-*fork lifter,* sabiex ikun jista' jgħolli l-*istabiliser* minn postu, l-attur kien ser iħoll ir-*ratchet straps,* filwaqt li hu kien qiegħed jissorvelja x-xogħol. Ix-xhud qal li qabel bdiet din l-operazzjoni, hu seta' jinnota li l-*istabiliser* kellu *dunnage*[17] fuq iż-żewġ naħat tiegħu, u diversi feles mat-tul tal-*istabiliser* kollu.

Ix-xhud spjega li sabiex jinħatt l-*istabiliser,* wieħed irid iħoll jew jirrilaxxja r-*ratchet straps* permezz ta' speċi ta' klipp li tinħall hekk kif wieħed jgħolliha 'l fuq. Qal li l-attur kien beda dan il-proċess għar-rilaxx ta' dawn iċ-ċineg, u mill-ewwel ġie stabbilit li ċ-ċinga ta' quddiem kienet iebsa, aktarx minħabba li kellha tagħbija fuqha, u f'ċirkostanzi bħal dawn, l-aktar mod sigur biex wieħed jirrilaxxja ċ-ċinga hu billi jaqta' ċ-ċinga b'*moose* jew sikkina. Qal li hu ma jippermettix li l-ħaddiema jidħlu fil-basket sabiex jagħmlu saħħa fuq il-klipp, minħabba li jekk isir hekk, din tista' tinħall mingħajr ebda preavviż u l-għodda tegħleb fuq il-ħaddiem. Qal li hu ra ħaddiem ieħor, Jesmond Calleja, għaddej

[17] Ix-xhud spjega illi, "Meta ngħid "*dunnage*" irrid infisser żewġ serratizzi tal-injam fuq iż-żewġ naħat tal-*istabiliser* li l-iskop tagħhom huwa sabiex iżomm din il-biċċa għodda f'postha. Id-*dunnage* fuq il-parti ta' wara tal-*istabiliser* kien orizzontali filwaqt li fuq il-parti ta' quddiem kien vertikali hekk kif jidher mir-ritratt li għadni kemm esebejt. Dan huwa l-mod kif aħna rċevejnieh minn fuq ir-*rig.* Minbarra d-*dunnage,* l-*istabiliser* kien marbut ukoll b'żewġ *ratchet straps,* wieħed fuq quddiem u ieħor fuq wara, dan sabiex jiġi assigurat li, tul it-traġitt, ma jsir l-ebda moviment."

mill-viċinanzi, u talbu jtih *moose*, u kien f'dak il-mument li l-attur daħal fil-basket mingħajr l-awtorizzazzjoni tax-xhud u beda jħoll ir-*ratchet.* Spjega kif l-inċident seħħ meta r-*ratchet* irrilaxxja ruħu, u peress li l-attur kien fil-basket fejn l-ispazju hu limitat ħafna, l-*istabiliser* iċċaqlaq tlieta jew erba' pulzieri, bil-konsegwenza li saqajn l-attur inqabdet taħtha. Ix-xhud qal li dak il-ħin l-attur beda jgħajjat bl-uġigħ, u kif ra hekk, ix-xhud ta struzzjonijiet lil Antoine Schembri sabiex jersaq bil-*fork lifter* u jgħolli l-*istabiliser* sabiex sieq l-attur tiġi meħlusa. Qal li fil-frattemp numru ta' impjegati tas-soċjetà konvenuta ċemplu għall-ambulanza sabiex l-attur seta' jittieħed l-isptar għall-kura. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li s-soċjetà konvenuta tagħti ħafna importanza lis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha, u tieħu ħsieb tipprovdilhom l-apparat kollu li jista' jkollhom bżonn għas-sigurtà tagħhom. Qal ukoll li qabel kull operazzjoni ssir *toolbox talk* fejn jiġi diskuss il-metodu li bih ikun ser isir ix-xogħol, jiġu identifikati r-riskji involuti, u l-ħaddiema jiġu mfakkra x'għandhom jagħmlu sabiex jevitaw li jkun hemm inċidenti. Qal li f'dan il-każ it-*toolbox talk* saret hekk kif waslet il-lanċa u kienet tkopri wkoll il-ħatt tal-għodda minn ġol-basket. Qal li hu bħala *foreman* ma jippermettix li l-ħaddiema jidħlu jaħdmu minn ġol-basket, u f'dan il-każ li kieku l-attur ma daħalx fil-basket, l-inċident ma kienx iseħħ.

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll l-*affidavit* ta' **Simon Lanzon**[18], li fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni kien impjegat bħala *yard manager,* li qal li xogħlu bħala *yard manager* kien jinvolvi interazzjoni ma' klijenti tal-kumpannija, fejn kien jirċievi ordni ta' xogħol u wara jassenja dan ix-xogħol lit-tim tiegħu, skont l-esiġenzi tax-xogħol u s-snajja' li jkunu meħtieġa biex jitlesta x-xogħol. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta kienet tagħti importanza kbira lis-

[18] *A fol.* 143 tal-proċess.

saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha, u apparti li kienet tipprovdi t-tagħmir kollu protettiv meħtieġ, ġie kkrejat proċess imsejjaħ *toolbox talk,* fejn qabel kull operazzjoni, it-tim jiltaqa' u jiddiskuti x-xogħol li jkun ser isir b'rabta ma' dik l-operazzjoni partikolari, sabiex jiġi stabbilit il-metodu li bih kellu jsir ix-xogħol u jiġu indirizzati minn qabel ir-riskji involuti fil-biċċa xogħol li tkun ser issir. Ix-xhud qal li l-impjegati huma kollha konxji ta' dak li hemm bżonn isir biex jiġu evitati perikli bla bżonn, iżda din is-sistema ġiet imfassla sabiex dejjem issir enfasi mal-ħaddiema li jridu jħarsu s-saħħa u s-sigurtà tagħhom f'kull ħin. Qal ukoll li meta l-operazzjoni li tkun ser issir ma tkunx waħda ta' rutina, flok ma ssir *toolbox talk,* isir *risk assessment* sabiex jiġi investigat fid-dettall il-metodu tax-xogħol li jkun ser jintuża u r-riskji involuti. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-kumpannija kellha impjegati magħha żewġ *health and safety officers* li xogħolhom kien li jaraw li s-sistemi adoperati mill-kumpannija jiġu osservati. Ix-xhud spjega li dakinhar li seħħ l-inċident, kien hemm talba biex tinħatt konsenja minn fuq bastiment, u konsenja bħal dik is-soltu tinġarr jew f'basktijiet (*half height containers*), jew f'*containers* żgħar (*offshore containers*), li jinħattu mill-bastiment fuq *supply boat* u jiġu ssortjati fl-art, sabiex jiġu distribwiti skont il-ħtieġa. Ix-xhud qal ukoll li basktijiet hemm żewġ tipi, dawk bil-bieba, u dawk mingħajr bieba, u d-differenza bejniethom hi li dawk bil-bieba jkunu jikkonsistu f'*pallets* jew kaxxi li l-operatur tal-*forklifter* jista' jidħol fihom faċilment sabiex iġorr il-merkanzija barra mill-basket, filwaqt li dawk mingħajr bieba huma twal u dojoq u fihom tipikament jinġarru d-*drilling tools.* Ix-xhud qal ukoll li l-ebda persuna m'għandha qatt tidħol taħdem ġo *tool basket* kemm minħabba li l-ispazju tiegħu huwa ristrett, kif ukoll minħabba li x-xogħol fih jista' faċilment isir minn barra. Żied jgħid li hu ma jafx l-inċident inkwistjoni kif ġara, għaliex meta seħħ

huwa kien qiegħed ġewwa l-uffiċċju, iżda hekk kif ġie infurmat li kien hemm ħaddiem li weġġa', hu mar immedjatament fuq il-lant tax-xogħol, fejn sab li x-xogħol kien diġà waqaf, u diġà kienet issejħet ambulanza. Qal li meta hu investiga kif seħħ l-inċident, irriżultalu li l-attur kien daħal fit-*tool basket* sabiex jirrilaxxja *ratchet strap.* Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-attur kien wieħed mill-persuni li kien ilu impjegat mas-soċjetà konvenuta, u kemm mill-esperjenza kif ukoll mit-taħriġ li ngħata, missu kien jaf li qatt ma kellu jidħol fit-*tool basket,* għaliex kien qiegħed ipoġġi lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn biċċa għodda tonda qiegħda taħt pressjoni, li hekk kif titneħħielha l-pressjoni, ser tiċċaqlaq, kif fil-fatt ġara. Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti li juru x'jiġi diskuss waqt it-*toolbox talks* u x'tip ta' problemi jiġu indirizzati waqt dan l-eżerċizzju.[19]

Ġie ppreżentat ukoll *incident investigation report* li sar mis-soċjetà konvenuta b'rabta mal-inċident mertu ta' din il-kawża[20], fejn ġie stabbilit, mill-analiżi li saret mis-soċjetà konvenuta, li l-attur naqas milli jevalwa r-riskju qabel daħal fil-basket, li f'tentattiv biex jiffranka l-ħin hu ma stenniex li tingħata l-*moose* jew sikkina li ntalbet mis-superjur tiegħu, u li l-materjal ma kienx maħżun b'mod korrett.[21]

Fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2017 xehed l-**Inġinier Norman Zammit**[22], li ntalab jixhed dwar taħriġ li ngħata mill-Kamra tal-Inġiniera lill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta f'Novembru tal-2003 partikolarment għal dak li jirrigwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq dan il-post tax-xogħol partikolari. Ix-xhud qal li fost il-ħaddiema

[19] *A fol.* 146 *et seq.* tal-proċess.
[20] *A fol.* 276 tal-proċess.
[21] Fir-rapport jintqal: *"The reamer was raised of the cargo basket floor with dunnage. The dunnage at the tipping point was running in parallel to the reamer and not across."*
[22] *A fol.* 295 tal-proċess.

tal-Medserv Operations li rċevew dan it-taħriġ kien hemm l-attur, u dan kien lesta dan it-taħriġ tant hu hekk li kien ingħata ċertifikat. Qal li l-kors kien jismu *forklifts truck operations* u kien kors ta' tnax-il siegħa li kien ikopri l-aspett operattiv tas-sigurtà fejn jidħlu *forklift trucks.* Ix-xhud qal li l-kors jidħol fil-leġiżlazzjoni rilevanti u jiddetermina x'inhuma r-responsabbilitajiet ta' min iħaddem kif ukoll tal-impjegati, filwaqt li jkopri *good operational practices* fil-post tax-xogħol partikolari. Qal li jsir test prattiku kif ukoll test orali sabiex min jagħti l-kors jassigura li dawk li attendew ikunu fehmu l-kunċetti rilevanti.

Fl-istess udjenza xehed **John Schembri**[23], in rappreżentanza tas-soċjetà Shield Consultants Limited, li qal li l-kumpannija tiegħu tat taħriġ lil ħaddiema tas-soċjetà konvenuta, u ppreżenta sensiela ta' dokumenti sabiex juri x'materjali ntużaw biex ingħata dan it-taħriġ, kif ukoll l-*evaluation sheets* li ttieħdu bħala *feedback* mingħand il-parteċipanti.[24] Ix-xhud qal li f'dawn il-korsijiet jiġi spjegat x'tgħid il-liġi, il-liġi x'titlob mill-impjegat u minn min iħaddem, filwaqt li jingħata taħriġ dwar xogħol li jsir minn ċertu għoli u *manual handling,* li jinvolvu l-*hazard* fih innifsu, ir-riskju, u l-*best practices* jew il-proċeduri li għandhom jiġu adottati sabiex ix-xogħol isir b'mod sigur. Ix-xhud qal li r-relazzjoni tal-kumpannija tiegħu mal-Medserv bdiet fis-sena 2012, u fost is-servizzi mogħtija hemm servizzi ta' konsulenza fis-sigurtà, kif ukoll isiru *risk assessments* minn żmien għal żmien.

Fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2017 xehed **Andrew Gilravey**[25], direttur ta' *International Safety Training College Limited,* li qal li l-kumpannija tiegħu kienet żammet sensiela ta' korsijiet ta' taħriġ lil persuni li xogħolhom jinvolvi l-

---

[23] *A fol.* 299 tal-proċess.
[24] Dokumenti esebiti *a fol.* 305 *et seq.* tal-proċess.
[25] *A fol.* 341 tal-proċess.

operat ta' *forklifter.* Qal li dawn il-korsijiet isiru f'ġurnata. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien attenda għal kors bħal dan u ngħata ċertifikat.[26] Ix-xhud qal li t-taħriġ li jingħata hu pjuttost wieħed bażiku, u sa fejn jista' jgħid hu, is-soċjetà konvenuta titlob lill-kumpannija tiegħu tagħti dan it-tip ta' taħriġ madwar darbtejn jew tliet darbiet fis-sena. Ix-xhud ippreżenta kopja tan-noti li jingħataw l-istudenti li jattendu għal dan il-kors speċifiku, "*Occupational Health and Safety for Forklift Operations*".[27]

Fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018 xehed l-**Inġinier Raymond Vassallo**[28], li qal li hu kien involut fl-għoti ta' taħriġ lil impjegati tas-soċjetà konvenuta permezz tal-Kamra tal-Inġiniera, liema taħriġ ingħata fl-2003. Ix-xhud qal li f'dan it-taħriġ tingħata statistika dwar l-inċidenti li jseħħu bil-*fork lifters* ħalli l-ħaddiema li jagħmlu xogħol simili jkunu konxji mill-perikli assoċjati max-xogħol tagħhom, u wara tingħata *overview* tal-liġi li tirregola s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Qal li hu jispjega lill-ħaddiema li huma għandhom jikkooperaw ma' min jimpjegahom partikolarment dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u jiġi spjegat ukoll lill-ħaddiema li huma m'għandhomx jagħmlu ħsara lilhom infushom jew lil ħaddieħor. Ix-xhud spjega li l-kontenut tal-kors hu bbażat fuq il-kodiċi ta' prattika tas-saħħa u s-sigurtà li jintuża l-Ingilterra, għalkemm hu adattat għaċ-ċirkostanzi ta' Malta. Ix-xhud ippreżenta kopja tas-sillabu kopert f'dan il-kors li jdum tnax-il-siegħa.[29]

---

[26] Kopja taċ-ċertifikat *a fol.* 345 tal-proċess.
[27] *A fol.* 348 *et seq.* tal-proċess.
[28] *A fol.* 374 tal-proċess.
[29] *A fol.* 376 tal-proċess.

Il-kontroeżami tal-attur **Edgar Gatt** sar waqt l-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2018[30], fejn dan ikkonferma li hu għadu impjegat tas-soċjetà konvenuta, u li ilu hekk impjegat għal dawn l-aħħar 24 sena. L-attur qal li f'dan ix-xogħol hu kien jipprattika s-sengħa ta' *slinger* u wara l-inċident beda jagħmel xogħol ta' *cleaner.* L-attur qal li hu qatt ma mar skola tas-snajja' u tgħallem ix-xogħol bil-prattika. Qal li hu ħadem bħala *slinger* anki fuq ir-riggijiet taż-żejt. Spjega li xogħol ta' *slinger* jinvolvi li wieħed jibraga l-affarijiet, itella' *containers,* iqabbad pajpijiet u kaxxi, u jidħol fil-basket u jqabbad iċ-ċineg sabiex ikunu jistgħu jittellgħu bil-*lifter.* Ix-xhud qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident kien hemm ħafna xogħol għaddej mis-soċjetà konvenuta, u kull ħaddiem ried ilaħħaq ma' tliet riggijiet. Qal li x-xogħol kien isir b'mod mgħaġġel, u ħaddiema biex jagħmlu x-xogħol kien hemm ftit. Spjega li meta kien ikun hemm pressjoni ta' xogħol, ix-xogħol kien jiġi l-ewwel għall-kumpannija, filwaqt li meta ma kienx ikun hemm pressjoni ta' xogħol, l-affarijiet kienu jsiru kif suppost. Ix-xhud ikkonferma li hu ngħata diversi taħriġ mis-soċjetà konvenuta, u dan it-taħriġ kien jingħata darba fis-sena jew kull sentejn. Żied jispjega li x-xogħol kien isir f'timijiet, u sabiex isir il-ħatt kien ikun hemm erba' *slingers,* tnejn jimbragaw fuq l-art, u tnejn minn fuq il-lanċa, filwaqt li persuna oħra taġixxi ta' *supervisor*. Persuna oħra tkun qiegħda bir-radju mal-*crane,* u kien ikun hemm ukoll is-sewwieq tal-*crane.* Żied jgħid li l-*foreman* ikun qiegħed jikkoordina mat-tim sabiex jara li x-xogħol ikun qiegħed isir kif suppost, u f'dawk il-każijiet fejn jiġi nnutat li persuna mhix tagħmel ix-xogħol kif suppost, dan jitwaqqaf. L-attur qal li minkejja li kien hemm impjegati mas-soċjetà konvenuta inkarigati mis-saħħa u s-sigurtà, dawn l-uffiċjali kienu jidhru biss meta jinqala' xi ħaġa, u mill-bqija kienu jkunu jafu x'inhu jiġri għaliex iċ-*charge*

[30] *A fol.* 382 tal-proċess.

*hands* kienu jirrappurtaw lilhom. Ix-xhud qal li fiż-żmien li seħħ l-inċident inkwistjoni ma kienx hemm proċeduri bil-miktub dwar x'għandu jsir dwar saħħa u sigurtà, u minkejja li hemm proċedura msejħa *toolbox talk* li suppost issir kuljum, din kienet issir darba fil. B'riferiment għad-dokumenti esebiti li jindikaw x'tip ta' eżerċizzju hu t-*toolbox talk* u x'isir fih, ix-xhud allega li jkun hemm istanzi fejn iċ-*charge hand* jitlob lill-ħaddiema jiffirmaw mingħajr ma jkun ġie kopert dak kollu indikat fuq id-dokument waqt il-laqgħa li tkun saret.

Il-kontroeżami tal-attur tkompla waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2018[31], fejn lill-attur sarlu riferiment għat-*toolbox talk* li kienet saret proprju dakinhar tal-inċident[32], u jidher li hu kien attenda għaliha stante li fuq id-dokument hemm il-firma tiegħu. L-attur qal li t-*toolbox talk* issir billi l-impjegati jintalbu jmorru jaħdmu fiż-żoni li jiġu assenjati lilhom:

> "It-*toolbox talk* huwa hekk. It-*toolbox talk* jgħidlek 1, 2, 3, 4, ħa taħdmu f'dik il-parti. Iffirma li ħa taħdem hemm u li ħa jieħu ħsieb l-ieħor, il-ħaddiema jiġifieri u jkollok *charge hand* miegħek. 1, 2, 3, 4, għal din in-naħa, dak li jfisser it-*toolbox talk.* Taf li minn wara l-inċident tiegħi baqgħu jsiru t-*toolbox talk,* miet raġel tal-familja u tnejn oħra weġġgħu? Xorta għamlu *toolbox talk."*

L-attur spjega li t-*toolbox talk* mhux iċ-*charge hand* jagħmlu iżda l-uffiċjal tas-sigurtà li jassenja lill-ħaddiema u jitlobhom jiffirmaw dokument li jindika kif ser jitqassam ix-xogħol. Ix-xhud intalab jikkonferma jekk dakinhar tal-inċident tiegħu, it-*toolbox talk* saritx minn Antoine Hili, sabiex jiġi diskuss ix-xogħol kif kellu jsir, jiġu identifikati r-riskji involuti u bħala *foreman* ifakkar lill-ħaddiema kif għandhom jaħdmu sabiex jevitaw il-periklu bla bżonn. L-attur qal li mhux minnu li dakinhar Antoine Hili spjega lill-ħaddiema minn xiex kellhom

[31] *A fol.* 399 tal-proċess.
[32] Dokument *a fol.* 269 u 270 tal-proċess.

joqogħdu attenti, jew kien qal lill-ħaddiema sabiex joqogħdu attenti. Qal li x-xogħol li jsir mis-soċjetà konvenuta kollu jinvolvi element ta' periklu, u l-ħaddiema bejniethom sikwit ifakkru lil xulxin biex joqogħdu attenti. L-attur ikkonferma li x-xogħol li kien qiegħed jagħmel hu dakinhar, li jneħħi l-għodda minn ġol-basket, hi biċċa xogħol li ssir ta' kuljum u mhix xi biċċa xogħol straordinarja, u kkkonferma li bħala bniedem tas-sengħa li kien ilu impjegat mal-kumpannija għadd ta' snin, ma kellux bżonn lil xi ħadd li kontinwament ifakkru x'għandu jagħmel, għaliex ix-xogħol kien jaf x'jinvolvi. L-attur ikkonferma li f'dan il-post tax-xogħol partikolari hemm żewġ tipi ta' basktijiet, bil-bieba, fejn wieħed jista' jiftaħha u jidħol jimxi fil-basket, u mingħajr bieba, fejn wieħed irid jaqbeż fil-basket. Żied jgħid ukoll li spiss kien jiġri li l-ħaddiema kienu jidħlu fil-basket biex jaħdmu fih, għaliex inkella l-oġġett ma jkunx jista' jitneħħa. Qal li jekk fil-basket ma jiddaħħlux iċ-ċineg sabiex l-oġġett ikun jista' jiġi elevat, ix-xogħol ma jkunx jista' jsir u għalhekk bilfors li wieħed irid jidħol fil-basket biex idaħħal is-*slings.* L-attur qal li lilu ħadd qatt ma qallu biex ma jidħolx fil-basket, u żied jgħid li għad hemm impjegati li jidħlu fil-basket sal-lum. B'riferiment għar-ritratt esebit f'*fol.* 139 tal-proċess, l-attur spjega li minkejja li kif jidher, kien hemm serratizzi taħt ir-*rockbit* li kellu jinħareġ, il-filsa li suppost kien hemm sabiex l-oġġett ma jiċċaqlaqx, ma kinitx hemm. Spjega li ċ-ċineg li daħħal hu, huma ċ-ċineg ħodor li jidhru fir-ritratt, u li kif qabbadhom, l-oġġett iċċaqlaq minħabba li l-feles ma kienx imdaħħal kif suppost. L-attur ikkonferma li hu ma ġibed l-attenzjoni ta' ħadd xħin intebaħ li fil-basket ma kienx hemm feles iżomm l-oġġett f'postu. B'riferiment għal dan in-nuqqas tiegħu, l-attur qal:

> "Kieku toqgħod sejjer hekk sinjura għal kull oġġett li jkun hemm, ġurnata tax-xogħol hemmhekk tiġi xahar bix-xogħol li hemm. Mhux tagħmilha biex tipprova

> tlaħħaq il-lanċa ħalli ddaħħal il-lanċa l-oħra. Kieku xahar tagħmel toqgħod sejjer hekk mela fuq ix-xogħol tagħna tista' toqgħod sejjer hekk."

L-attur qal li lilu ħadd ma tah struzzjonijiet biex imur iħoll ir-*ratchet strap* u qal li hu x-xogħol kien jafu. Żied jgħid li hu rnexxielu jħoll *ratchet strap* waħda, u l-oħra ma setax iħollha minħabba li x'aktarx li tkun issaddet bil-baħar, u meta jiġri hekk din tkun trid tinqata'. Qal li bħala proċedura, fejn *ratchet strap* ma tkunx tista' tinħall, tinqata'.

Il-kontroeżami tal-attur tkompla waqt l-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2018[33], fejn qal li ma kienx hemm għalfejn xi ħadd itih struzzjonijiet biex iħoll ir-*ratchet,* iżda hu għamel dan minn jeddu minħabba li kien jaf ix-xogħol x'jinvolvi. Spjega li hu qata' r-*ratchet* b'mus, waqt li kien għadu barra l-basket, u wara li qata' r-*ratchet* daħal fil-basket biex jibbraga l-oġġetti ħalli jtellgħu. Qal li hu bilfors kellu jidħol fil-basket biex jibbraga l-oġġett, u żied jgħid li x-xogħol għadu jsir b'dak il-mod sal-lum. Spjega li l-inċident seħħ hekk kif hu kien qiegħed idaħħal is-*slings* li jkunu qishom ċimi ħoxnin, u dawn jiddaħħlu waħda kull naħa sabiex l-oġġett jiġi livell. Qal li meta daħħal waħda u wara mar biex idaħħal l-oħra, ir-*rockbit* dar u qabadlu siequ. Qal li r-*rockbit* inkwistjoni tiżen aktar minn tunnellata, u hu u jdawwar is-*sling,* ir-*rockbit* daret u qabditu minn siequ. Żied jispjega li dak il-ħin hu ma kienx qiegħed imiss ir-*rockbit,* iżda din daret waqt li hu kien qiegħed iqabbad is-*slings.* L-attur qal li mhux minnu li Antoine Hili kien qiegħed jaħdem fil-viċinanzi fil-ħin tal-inċident, u qal li dak il-ħin dan kien qiegħed jaħdem fuq xi *containers* madwar ħamsin pied 'il bogħod. Qal li dak il-ħin kien hemm pressjoni li kienet qiegħda żżomm ir-*rockbit* f'postha, u hekk kif tħollha, dik il-pressjoni tiġi rilaxxjata

[33] *A fol.* 420 tal-proċess.

f'salt. Ix-xhud ikkonferma li wara l-inċident, il-paga tiegħu baqgħet l-istess, u dan minkejja li x-xogħol tiegħu nbidel għal wieħed ta' anqas strapazz.

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2019 sar il-kontroeżami ta' **Antoine Hili**[34], li qal li hu *yard team leader* mas-soċjetà konvenuta, u f'dan ir-rwol jieħu ħsieb in-nies tal-*yard* u x-xogħol li jsir minn jum għal ieħor fil-kumpannija. Ix-xhud ikkonferma li hu jkun fuq il-lant tax-xogħol mal-ħaddiema, u meta ġara l-inċident inkwistjoni huwa kien qiegħed fuq il-post, għalkemm żied jgħid li dak il-ħin kien qiegħed jagħmel xi *spot checks* fil-*yard.* Mistoqsi jekk ix-xogħol kif sar mill-attur kienx qiegħed isir bil-proċedura li soltu tiġi segwita, ix-xhud wieġeb illi:

> "Jekk nieħdu tliet (3) snin ilu jiġifieri ma kienx hemm daqshekk *awareness* x'wieħed jista' jiġri, imma llum il-ġurnata inbidlu ħafna. Mhijiex li ma nistgħux nidħlu ġo ċertu basktijiet, imma kif kienet qiegħda l-biċċa għodda li kien hemm ġol-basket kien irid isir xi ħaġa jiġfieri altru tidħol u tħoll jew taqta' u xorta trid tidħol biex inti tirrilisja x-xogħol jiġifieri."

Ix-xhud fil-fatt ikkonferma li bħala prattika ix-xogħol dejjem kien isir bil-mod kif għamlu l-attur. Ix-xhud qal li hu ma rax l-inċident iseħħ quddiem għajnejh, u dan l-inċident seħħ fil-ħin li hu mar iġib mus biex jaqta' r-*ratchet.* Ix-xhud spjega li minkejja li dan it-tip ta' basket kien mingħajr bieba, u għalhekk idealment ix-xogħol fuqu jsir minn barra, spjega li hemm ċerti każijiet li fihom wieħed ma jistax jagħmel mod ieħor, u għalhekk ikollu jidħol jaħdem minn ġewwa sabiex ikun jista' jagħmel ċerta saħħa fuq l-oġġett li jrid jinħareġ mill-basket. Ix-xhud qal li ma kienx hu li talab lill-attur jidħol fil-basket, iżda dak il-ħin l-attur ħass li l-aħjar mod kif seta' jaħdem kien billi jidħol fil-basket.

[34] *A fol.* 433 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Fl-ewwel lok, il-Qorti sejra tgħaddi biex tiddetermina jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex tinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għall-konsegwenzjali danni sofferti mill-attur, kemm dawk materjali kif ukoll danni konsistenti f'telf ta' qligħ futur minħabba fil-ġrieħi sostnuti mill-attur f'dan l-inċident. Il-Qorti evalwat il-provi kollha miġjuba fil-kawża, u dak kollu li ntqal mix-xhieda sabiex in vista tal-kontestazzjoni dwar ir-responsabbilità tas-soċjetà konvenuta għall-inċident inkwistjoni, tasal għal deċiżjoni dwar jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex tinżamm responsabbli għal dak li ġara jew le.

Il-Qorti semgħet lill-attur u lil diversi xhieda oħra jixhdu dwar id-dinamika tal-inċident, li jirriżulta li seħħ meta l-attur daħal f'tip ta' *container* imsejjaħ 'basket' minħabba fl-għamla tiegħu, sabiex iħoll ċinga li r-*rockbit* li kellha tinħareġ mill-basket kienet marbuta biha. Jirriżulta li hekk kif inqatgħet din iċ-ċinga, ir-*rockbit* iċċaqalqet, kemm minħabba li l-pressjoni ġiet rilaxxjata f'daqqa, kif ukoll minħabba li taħt ir-*rockbit* ma kienx hemm feles tal-injam biex iżommha f'postha, bir-riżultat li sieq l-attur inqabdet taħtha u dan sofra *crush injury.*

Il-Qorti tqis li kien hemm diversi inkonsistenzi fix-xhieda mogħtija mill-partijiet, partikolarment fir-rigward tal-miżuri għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà li ttieħdu mis-soċjetà konvenuta u jekk dawn jiġux implimentati b'mod rigoruż jew inkella b'mod superfiċjali, kif ukoll dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, b'uħud mix-xhieda jallegaw li l-inċident seħħ minħabba li taħt ir-*rockbit* ma kienx tpoġġa feles tal-injam li jżomm ir-*rockbit* f'postu, u b'xhieda oħrajn jallegaw li l-inċident seħħ minħabba l-imprudenza tal-attur, li daħal fil-

basket meta kien jaf li ma kellux jagħmel hekk. Il-Qorti tirrileva kif diversi xhieda kkonstataw li hija prattika normali f'dan il-post tax-xogħol partikolari li l-ħaddiema jidħlu jaħdmu minn ġol-basket, filwaqt li oħrajn qalu li s-soċjetà konvenuta tħaddan regoli stretti fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà u kull ħaddiem jaf li m'għandux jaħdem minn ġ l-basket.

Il-Qorti semgħet diversi xhieda, uħud minnhom kollegi tal-attur, jixhdu dwar id-dinamika tal-inċident, u dwar il-fatt li dan l-inċident seħħ minħabba li taħt ir-*rockbit* ma kienx hemm feles tal-injam sabiex dan jinżamm f'postu. Ix-xhud Raymond Abela, li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed jopera l-*fork lifter* li kellu jerfa' r-*rockbit*, qal li sabiex ikun jista' jinħall il-pajp tal-basket, wieħed irid bilfors jidħol fuq ġewwa tiegħu, u żied jgħid li hu qatt ma sema' lil xi ħadd mill-uffiċjali tas-soċjetà konvenuta jgħid lill-ħaddiema biex ma jidħlux fil-basket. Dan ix-xhud wera xettiċiżmu fir-rigward tal-effettività tal-miżuri għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà mħaddma mis-soċjetà konvenuta, tant hu hekk li qal li t-*toolbox talks* bdew isiru wara l-inċident li kien involut fih l-attur, u l-miżuri dwar il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà bdew jittieħdu bis-serjetà wara l-inċident inkwistjoni. Madanakollu wara rriżulta, anki mid-dokumentazzjoni ppreżentata minn uffiċjali tas-soċjetà konvenuta, li t-*toolbox talks* kienu ilhom isiru ferm qabel seħħ l-inċident mertu tal-kawża, u saħansitra anki dakinhar li seħħ l-inċident, filgħodu kienet saret *toolbox talk.* Xhud ieħor Antoine Schembri, ukoll qal li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba li taħt ir-*rockbit* ma kienx hemm feles tal-injam. Dan ix-xhud ukoll wera xettiċiżmu dwar il-miżuri ta' saħħa u sigurtà adoperati mis-soċjetà konvenuta, u qal li t-*toolbox talks* kienu jsiru biss meta ma jkunx hemm pressjoni ta' xogħol, u għad li l-kumpannija kienet timpjega żewġ uffiċjali inkarigati mis-saħħa u s-sigurtà tal-

ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, dawn mhux dejjem kienu jkunu fuq il-lant fejn ikun qiegħed isir ix-xogħol. Dan ix-xhud saħansitra allega li kien il-*foreman* Antoine Hili, li ħeġġeġ lill-attur jidħol fil-basket għaliex inkella r-*rockbit* ma kienx hemm mod ieħor kif seta' jinħareġ. Dan ix-xhud qal li kieku l-attur ma daħalx fil-basket, ir-*rockbit* kienet tibqa' hemm u ma kienx hemm mod kif din setgħet tinqala'.

Antoine Hili, il-*foreman* li kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol mal-attur, fil-bidu qal li hu ma jippermettix lill-ħaddiema tiegħu jidħlu jaħdmu minn ġol-basket. Madanakollu waqt il-kontroeżami kkonferma li ċertu xogħol jista' jsir biss minn ġol-basket, u bħala prattika ta' xogħol, ix-xogħol seta' jsir biss kif ħadem l-attur, minħabba li huwa biss minn ġewwa l-basket li tista' ssir ċerta saħħa sabiex ikun jista' jinħareġ l-oġġett minn fejn ikun maħżun. Il-Qorti tinterpreta dak li qal dan ix-xhud fis-sens li minkejja li f'ċirkostanzi ideali ħadd m'għandu jidħol fil-basket, għaliex ikun qiegħed ipoġġi lilu nnifsu fil-periklu, fin-nuqqas ta' metodu ieħor effettiv sabiex jinħareġ l-oġġett minn ġol-basket, ħaddiem li jrid ilesti biċċa xogħol, m'għandu l-ebda għażla ħlief li jidħol fil-basket u jaħdem minn ġo fih.

Xhud ieħor, Simon Lanzon, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, qal li l-attur qatt ma messu daħal jaħdem fil-basket. Madanakollu kien dan ix-xhud li ppreżenta dokumenti li juru li dan l-inċident seħħ parzjalment minħabba li l-materjal li kellu jinħareġ mill-basket ma kienx maħżun tajjeb.

L-attur fix-xhieda tiegħu, ukoll wera ruħu xettiku dwar kemm is-soċjetà konvenuta kienet tieħu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha bis-serjetà, meta qal li donnhom il-miżuri għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jintnesew

meta jkun hemm pressjoni qawwija ta' xogħol, filwaqt li meta ma kienx ikun hemm daqstant xogħol, l-affarijiet kienu jsiru "kif suppost". L-attur qal li t-*toolbox talk* rari kienet issir, u qal li kien hemm drabi meta din ma saritx kif suppost jew b'mod effettiv li jindirizza sew l-aspetti tas-sigurtà tal-ħaddiema, imma biss sabiex il-ħaddiema jiġu assenjati x-xogħol tagħhom. Qal ukoll li l-uffiċjali inkarigati mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema rari kienu jidhru fuq il-lantijiet tax-xogħol. Barra minn hekk l-attur qal li kienu ħafna l-ħaddiema li sabiex joħorġu oġġett mill-basket ikollhom jidħlu fih, prattika din li jidher li għad hemm min jagħmilha sal-lum. L-attur qal ukoll li l-inċident seħħ minħabba li taħt ir-*rockbit* ma kien hemm l-ebda feles.

Il-Qorti tqis li minkejja li s-soċjetà konvenuta tinvesti f'korsijiet u daħħlet diversi miżuri sabiex iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha f'post tax-xogħol li min-natura tiegħu hu perikoluż u joffri diversi sfidi, madanakollu din għandha tkun ferm aktar viġilanti sabiex tottempera ruħha mar-regoli u l-liġijiet imfassla sabiex iħarsu b'mod effettiv s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Il-Qorti tapprezza li l-ambjent li topera fih is-soċjetà konvenuta huwa wieħed li joħloq pressjoni kemm fuq il-kumpannija kif ukoll fuq il-ħaddiema tagħha, minħabba li x-xogħol ikun irid jitlesta f'qasir żmien u n-numru ta' ħaddiema huwa wieħed limitati. Madanakollu dawn il-fatturi m'għandhomx iwasslu biex il-miżuri maħsuba biex iħarsu s-saħħa tal-impjegati, jitwarrbu, jew li l-ħaddiema jkunu mistennija jipperikolaw saħħithom biex il-biċċa xogħol li trid issir, tkun tista' ssir fl-aqsar żmien possibbli, bir-riżultat li ma jkunx hemm ħin biex wieħed jaħseb jew jattwa l-miżuri li jistgħu jnaqqsu l-periklu. Jidher ċar li dan l-inċident seħħ minħabba li t-tim li kien qiegħed jaħdem sabiex tinħareġ ir-*rockbit* inkwistjoni minn ġol-

basket, ma kellux ħin jiddiskuti dwar l-aħjar metodu kif din setgħet tinħareġ mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li wieħed jidħol fil-basket. Mix-xhieda li ta Antoine Hili, jirriżulta li l-attur daħal fil-basket għaliex ma kienx hemm mod ieħor kif dak l-oġġett seta' jinħareġ u għaliex dan il-ħaddiem ried li l-biċċa xogħol li dak il-ħin kien fdat biha, issir. Madanakollu mhux aċċettabbli li f'soċjetà fejn inħoloq qafas leġiżlattiv sabiex iħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt il-qadi ta' dmirijiethom, ikun hemm kumpanniji li jinkoraġġixxu jew jagħlqu għajnejhom meta jittieħdu *shortcuts* sabiex ix-xogħol ma jdumx ma jitlesta, minħabba pressjoni ta' ħin jew minħabba numru limitat ta' ħaddiema. Mill-provi li ġew ippreżentati jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ma indirizzatx b'mod effettiv id-diversi sfidi li joffri l-post tax-xogħol inkwistjoni, u minkejja d-diversi korsijiet ta' taħriġ li ngħataw il-ħaddiema tagħha, hu mill-aktar impellenti li dak li jiġi mgħallem fit-teorija jiġi attwat fil-prattika, xi ħaġa li jidher li ma kinitx qiegħda ssir jew ma kinitx qiegħda ssir b'mod effettiv fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża.

Il-Qorti tasal għall-konklużjoni li kienu tnejn il-fatturi li kkontribwew għall-inċident inkwistjoni. Fl-ewwel lok jirriżulta mill-provi li l-oġġett li kellu jinħareġ mill-basket, ma kienx maħżun fil-basket b'mod li jimminimizza r-riskju għal min kellu joħorġu mill-basket, tant hu hekk li jirriżulta anki mir-ritratti esebiti, li taħt ir-*rockbit* ma kienx hemm feles tal-injam biex dan l-oġġett jinżamm f'postu. Fit-tieni lok jirriżulta wkoll li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tagħlaq għajnejha għal riskji li kienu qegħdin jieħdu l-ħaddiema tagħha jekk mhux addirittura tinkoraġġixxi li jittieħdu dawn ir-riskji, minflok ma tipprojbixxi darba għal dejjem b'mod inekwivoku ċertu prattiċi ta' xogħol, anki billi tassigura li l-ħaddiema tagħha jkollhom l-għodod meħtieġa biex jaħdmu.

Il-Qorti ma tistax taċċetta li fiż-żminijiet tal-lum, m'hemm l-ebda għodda jew metodu aktar effettiv u inqas riskjuż kif oġġett ittrasportat bil-baħar jista' jinħareġ mill-kontenitur li nġarr fih, għajr billi ħaddiem jidħol f'dan il-kontenitur u jagħmel is-saħħa mal-oġġett hu. F'dan il-kuntest il-Qorti tqis li s-soċjetà konvenuta naqset milli twettaq l-obbligi li kienet marbuta bihom bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment l-obbligu li tipprovdi *a safe place of work* għall-ħaddiema tagħha, kif ukoll li tħaddem *a safe system of work.*

Bħala regola ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għandu jitqies li huwa prinċipju ta' interess pubbliku. Kull min iħaddem għandu l-obbligu li jipprovdi dik li komunement jissejjaħ '*a safe system of work',* li huwa rekwiżit li s-soċjetà konvenuta m'għarfitx tindirizza meta ppermettiet li fuq il-lant tax-xogħol tagħha jitħaddmu ċerti prattiċi jew li l-ħaddiema ma jkollhomx l-għodda neċessarja biex ma jesponux irwieħhom għal ċerti riskji.

F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Fenech et *vs* Chairman tal-Malta Drydocks et**[35], intqal hekk dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana *vs* Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fiit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat

[35] Q.A., 03.12.2010.

li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere*, involut fir-responsabbilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarriġ u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju il-kawża **Galea *vs* Meilaq noe,** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*" - **Borg *vs* Wells noe,** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs.* Malta Freeport Terminals**[36]:

"... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.

Skont l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa **li biha jikser xi dmir impost mil-liġi,** hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (artikolu 1032).

Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus*

[36] P.A., 21.03.2016.

*paterfamilias*. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.

Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:

*'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue vs Stevenson (****1932 A.C. 562). In* ***Davie vs New Merton Board Mills Ltd.,*** *(1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' –* ***Charlesworth & Percy on Negligence*** *(Ninth Edition, 1997).'*

Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.

Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (artikolu 4(1)).

Illi l-artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:

(a) Li jiġi evitat riskju;

(b) L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

(c) L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(d) Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż bdak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;

(f) Billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;

(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

(i) Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."

Il-Qorti tqis illi tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, ġie ppruvat li s-soċjetà konvenuta kisret diversi minn dawn il-prinċipji ġenerali, fosthom billi naqset li tapplika miżuri effettivi sabiex jiġi evitat ir-riskju; naqset milli tagħraf tħaddem prattiċi sabiex riskji li ma jistgħux jiġu evitati, almenu jiġu kkontrollati; naqset milli tagħti prijorità lil miżuri ta' protezzjoni tal-ħaddiema, u l-prijorità tagħha kienu x-xogħol u l-produttività tal-ħaddiema u mhux il-protezzjoni tagħhom; naqset milli tadotta miżuri għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet manifesti, il-Qorti tqis li s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

*Damnum Emergens:*

L-attur ma ppreżenta l-ebda rċevuta jew prova oħra b'rabta ma' ħlasijiet li huwa seta' għamel konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, u għalhekk il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda danni materjali x'jiġu likwidati.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[37], ġie ritenut:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[38], ġie ritenut illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

[37] P.A., 19.02.2013.
[38] P.A., 27.04.2005.

Il-Qorti tirrileva illi mill-provi mressqa mill-attur hemm diskrepanza pjuttost sostanzjali bejn is-salarju li l-attur irċieva fis-sena 2014[39], is-sena meta seħħ l-inċident, u s-salarju li rċieva kemm fis-sena 2013[40] u fis-sena 2015.[41] Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ladarba l-inċident inkwistjoni seħħ f'Settembru tal-2014, għandha tieħu bħala salarju bażiku d-dħul tal-attur għal dik is-sena, għax li kieku ma seħħx l-inċident, il-prospetti tal-attur li jibqa' jtejjeb is-salarju u jimxi 'l quddiem fix-xogħol tiegħu, kienu tajbin ħafna. Il-Qorti semgħet lill-attur jixhed kif minkejja li huwa qatt m'attenda għal xi kors formali, hu tgħallem is-sengħa tiegħu bil-prattika u kienu ilu 24 sena jaħdem u jgħallem lil ħaddieħor, u għalhekk aktarx li kieku baqa' jagħmel l-istess xogħol, is-salarju tiegħu kien ser jitjieb u mhux jonqos, kif ġralu fis-sena 2015. In vista ta' dan, il-Qorti sejra għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* taħdem fuq id-dħul nett tal-attur għas-sena 2014, li kien jammonta għal €15,958, wara li jitnaqqsu t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' erbgħa u ħamsin (54) sena, li hi l-età li kellu l-attur fis-sena 2014, il-*multiplier* adottat ikun ta' 10, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu 65 sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[42], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in

[39] *A fol.* 46 tal-proċess.
[40] *A fol.* 44 tal-proċess.
[41] *A fol.* 48 tal-proċess.
[42] P.A., 10.05.2005.

> kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Is-salarju tal-attur għas-sena 2014 għandu jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja[43] għall-perijodu kollu tal-*multiplier,* sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti għall-finijiet tal-komputazzjoni li għandha tagħmel huwa ta' €15,958 + €17,489.97 / 2 = €16,723.98.

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku Mr Massimo Abela li eżamina lill-attur wara l-inċident inkwistjoni, li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 3%.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li

[43] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2015 u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €16,723.98 x *multiplier* ta' 10 x 3% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għaċ-ċifra ta' €5,017.20 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €4,013.76. Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti, u li għandu jitħallas mis-soċjetà konvenuta lill-attur.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni li sofra l-attur konsegwenza tal-inċident industrijali li seħħ fit-12 ta' Settembru, 2014 waqt li kien qiegħed jaħdem fiż-żona tal-Medserv ħdejn il-Freeport u dan minħabba imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetà konvenuta;**

3. **Tillikwida d-danni li l-attur sofra konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' erbat elef u tlettax-il Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€4,013.76);**

4. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.